



Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

14773/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0393 (COD)

CODEC 1890
STATIS 84
REGIO 114

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-13 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 338(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Marzu 2017². Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-13 ta' Lulju 2017³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Novembru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 15597/16.

² ĠU C 209 tat-30.6.2017, p. 71.

³ ĠU C 342 tat-12.10.2017, p. 74.

⁴ dok. 14256/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 49/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
